# Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta ta' nhar il-Hamis tmintax (18) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 19/14 FDP**

**William Vella (ID 282053M), f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Transpak Overseas Removals Limited (C 3339), Maria Lourdes Vella f'isimha u f'isem bintha Catherine Vella mart Andrea Nanni, Maria Carmela sive Marlene armla ta' Maurice degiorgio, Mary Rose mart Geoffrey Mallia, Joan mart Peter wirth u Winnifred mart Mario Gatt**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord:-

Ra ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti fis 27 ta' Novembru 2014 fejn stqarrew illi fil 25 ta' Novembru 2014 huma saru jafu illi kien gie pubblikat Avviz Nru 1069 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru 2014 fejn gie avzat illi, b'referenza ghan-notifikazzjoni Nru 30 mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern tal 11 ta' Jannar 2012, id-Dikjarazzjoni tal-Presdient ta' Malta kienet attwalment iffirmata fil 21 ta' Dicembru 2011 u mhux, kif erronjament indikat, fil 21 ta' Dicembru 2010.

Ir-rikorrenti sahqu illi l-Avviz kien intiz sabiex jemenda l-Avviz Nru 30 tal-2010 illi kienet tirrigwarda l-espropriazzjoni ta' parti minn warehouse f'idejn il-kumpannija rikorrenti u propjeta ohra tar-rikorrenti gewwa l-Fgura, liema espropriazzjoni ma saritx ghal skop pubbliku.

Ir-rikorrenti sahqu ukoll illi ma sar ebda avviz on site ta' l-emenda ghad-Dikjarazzjoni Presidenzjali.

Ghalhekk, ir-rikorrenti talbu lill-Bord jiddikjara l-emenda fuq imsemmija bhala irrita u nulla u minghajr effett guridiku stante illi ma saritx ghal skop pubbliku, ma tikkwalifikax bhala notifikazzjoni ta' espropriju kif irid il-Kap 88 billi hija nieqsa mill-kweziti li jaghti sinjifikat xieraq ghall-ghan mixtieq u ma gewx osservat l-kweziti tal-Kap 88.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ippresentata fil 15 ta' Jannar 2015 fejn irrileva, preliminarjament, illi l-Avviz li qieghda ssir referenza ghalix mhuwiex, minnu nniffsu, Avviz fejn kienet ippubblikata d-Dikjarazzjoni Presidenzjali, cioe l-Avviz Nru 30, li gie ppubblika fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Jannar 2012.

Il-Kummissarju irrileva illi l-imsemmija korrezzjoni ma kienet bl-ebda mod tibiddel is-sustenza tal-espropriju nniffsu izda kienet semplicement korrezzjoni ta' data li tnizzlet hazin u, fil-fatt, id-Dikjarazzjoni Presidenzjali originali ippubblikata fis-sena 2012 kienet giet notifikata at termini tal-Kapitolu 88, u s-sidien prezunti anke inghataw il-formula sabiex ikunu jistghu jipprezentaw il-prova ta' titolu taghhom sabiex ikunu jistghu jinghataw il-kumpens relattiv.

Il-Kummissarju zied jghid illi kien jidher car li r-rikorrenti kienet qieghed jaqbad ma' tali korrezzjoni biex jipprova jattaka Dikjarazzjoni Presidenzjali illi kienet inharget fil 11 ta' Jannar 2012, u dana wara illi naqas milli jaghmel tal-konstestazzjoni ta' skop pubbliku fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija kif trid il-Ligi. Il-Kummissarju ghalhekk insista illi tali talba kienet nulla u bla effett.

Fil-meritu, il-Kummissarju ta' l-Artijiet sahaq illi l-espropriazzjoni sabiex biex titwessa Sqaq Rjalu fil-Fgura biex il-propjeta fl-imsemmija triq ikunu aktar accessibbli mill-pubbliku, u ghalhekk l-iskop kien certament wiehed pubbliku.

Ghalhekk, il-Kummissarju talab lill Bord sabiex, preliminarjament, jiddikjara r-rikors promotur bhala null u bla effet u, fin-nuqqas ta dan, jikkonferma li l-propjeta giet mehudha ghal skop pubbliku.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mill-Kummissarju ta' l-Artjiet illi saret fil 21 ta' Ottubru 2015, wara liema data il-partijiet qablu illi l-Bord kellu jghaddi ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

**Ikkunsidra**

Il-kawza odjerna ghandha, bhala fondament taghha, id-Dikjarazzjoni Presidenzali Nru 30 tas-sena 2012 illi gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern 2012.

Ghalkemm dana il-Bord qatt ma inghadda kopja ta' tali Dikjarazzjoni Presidenzali, jirrizulta accettat mill-partijiet illi f'tali Dikjarazzjoni kien hemm zball tipografiku, fis-sens illi d-data tad-Dikjarazzjoni kellha tkun 21 ta' Dicembru 2011 u mhhux il 21 ta' Dicembru 2010 kif jidher illi gie ppubblikat.

Jidher illi il-Kummissarju ta' l-Artijiet, mument minnhom, induna b'dana l-izball tipografiku, ghadda biex ghamel Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Ottubru 2014, Avviz nru 1069, fejn gharraf lill-kullhadd illi d-data indikata fid-Dikjarazzjoni kienet zbaljata u kellha tinara 21 ta' Dicembru 2011 u mhux tas-sena 2010.

Jidher illi hekk kif hareg dana l-Avviz, ir-rikorrent ittentaw il-proceduri odjerna ftit jiem wara, sabiex jattakkaw il-validita' ta' l-emenda abbazi ta' l-Artikolu 6 (2) tal-Kap 88 illi jaghti dritt lill-kull persuna illi ghandha interess f'art illi dwarha tkun saret dikjarazzjoni mill-President biex jikkontesta l-iskopijiet pubblici ta' dik id-dikjarazzjoni.

L-intimat, fl-eccezzjoni illi dwarha il-Bord ser jippronunzja ruhu, sahaq illi l-kontenut u l-effetti tad-Dikjarazzjoni Presidenzjal tal 11 ta' Jannar 2012 ma inbidlux bl-emenda illi kienet saret u

insista illi r-rikorrenti kienet qieghed jittenta procedura illi ghaliha kellu gia l-opportunita' illi jaghmel izda li naqas jaghmel fiz-zmien stipulat mill-Ligi.

## Ikkunsidra

Il-Bord, l-ewwel u qabel kollox, jaghmilha cara illi ghajr ghall-Avviz 1069 tal 21 ta' Ottubru 2014, huwa ma ghandhux fil-pussess tieghu l-Avviz Nru 30 tas-sena 2012 illi dwaru kienet qed issir l-emenda, u ghalhekk ikollu jistrieh fuq il-fatti kif spjegati mill-partijiet u li dwarhom jidher illi ma hemmx kontestazzjoni.

Josserva wkoll illi t-talba tar-rikorrenti hija sabiex l-emenda illi saret b'Avviz Nru 1069 tal-2014 tigi dikjarata null u bla effett peress illi ma sarixt ghal skop pubbliku.

Il-Bord jirrileva illi l-mument illi jwassal sabiex il-periodu ta' wiehed u ghoxrin gurnata intizi sabiex jikkontesta l-validita tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali jibda jiddekorri ma hijiex id-data indikata tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali jew xi fattur iehor fid-Dikjarazzjoni Presidenzjali innifisha, izda hija id-data tal-pubblikazzjoni ta' l-istess Avviz.

Il-Bord jinnota illi ghalkemm ir-rikorrent qieghed jittenta jghid illi qieghed jattakka l-emenda mahruga fil-21 ta' Ottubru 2014, attwalment dak illi qieghed jipprova jaghmel huwa li jattakka il-validita' tad-Dikjarazzjoni Presidenzjal mahruga permezz ta' Avviz Nru 30 tas-sena 2012, liema Dikjarazzjoni Presidenzjali giet iffirmata fil 21 ta' Dicembru 2011.

Ir-rikorrenti kellhom kull opportunita' illi jattakaw il-validita' tal-Avviz Nru 30 tas-sena 2012 ippubblikat fil-11 ta' Jannar 2012 fiz-zmien lilhom mogthi skond il-Lig, izda issa illi ghadda l-periodu lilhom moghti ghall-kontestazzjoni, huma ma jitsghux jutilizzaw il-fatt illi saret emenda fl-istess Dikjarazzjoni sabiex jippruvaw jattakaw il-validita ta' l-iskop tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali.

Huwa fatt, kif sahaq il-Kummissarju tal-Artjiet, illi s-sustanza ta' l-espropriju inniffsu ma inbidilx bl-emenda kif saret, u ghalhekk certament l-emenda ma tistax titqies bhala illi harget Dikjarazzjoni Presidenzjali gdida illi ghaliha ir-rikorrenti kellhom dritt jikkontestaw il-validita' taghha.

Ghalhekk, l-eccezzjoni ta' l-intimat timmerita' illi tintlaqa.

## Konkluzjoni

Il-Bord

Wara illi ra l-atti kollha processwali u sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Jghaddi biex jilqa l-eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju ta' l-Artjiet u ghalhekk

Jichad it-talba attrici

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur